**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Francis Muscat**

**Kumpilazzjoni numru 437/2017**

**Illum 2 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Muscat** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0060272 (M) billi huwa akkuzat:

1. Talli fit-23 ta' Settembru 2017 bejn is-14:00 u is-14:30, fil-vicinanzi tal-Luxol Grounds, St. Andrews, Pembroke volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antvin Monseigneur mill-Mosta;
2. U aktar talli talli fit- 23 ta' Settembru 2017 u fix-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghu ikkaguna fuq Antvin Monseigneur biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu;

3. U aktar talli fit-23 ta' Settembru 2017 u fix-xhur ta' qabel gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Antvin Monseigneur jew b'mod li kien jaf jew messu kien taf li dak kien fastidju;
4. U aktar talli fit- 23 ta' Settembru 2017 u fix-xhur ta' qabel bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Antvin Monseigneur, wegggħu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;
5. Talli sar recidiv b' sentenza tal-Qorti li ma tistax tigi mibdula, datata 26 ta Ottubru 2017.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtá ta' Antvin Monseigneur kif jidrilha li huwa xieraq skond l-artikolu 383 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**IL-FATTI DWAR IL-KAZ**

Dan il-kaz sehh fit-23 ta' Settembru 2017 fil-vicinanzi ta' Luxol Grounds f'St. Andrews, Pembroke fejn il-kwerelant gurnalist sportiv mal-istazzjon nazzjonali PBS spicca b'ferita f'ghajnejh wara li kien attakkat mill-imputat Francis Muscat. Jidher li dan l-incident kellu l-bidu tieghu wara rapport li kien xandar il-gurnalista fejn l-imputat deher li ma kienx ha pjacir b'dak li kien irraporta l-kwerelant.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta'

konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-

Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix

imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

<u>**L-ghodda biex tiddeciedi**</u>

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

---

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI</u>**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ferita ta' Natura Gravi):</u>**

Meta wiehed jikkonsulta in-Noti tal-Professur Mamo, pagna 227-'Notes on Criminal Law (Laws II Year)' jghid is-segwenti dwar feriti fuq il-persuna;

*"… Our Code (Section 229) distinguishes bodily harm into grievous and slight. But, we shall sec, grievous bodily harm into harms of various degrees of gravity, though not called by any different names …"*

Huwa interessanti ghal dan il-kaz il-mod kif il-Profs. Mamo jirreferi ghal Kodici ohra *cioe'* dawk barranin fejn jispjega l-livelli varji ta' feriti fuq il-persuna, inezistenti fil-ligi Maltija, liema feriti jistghu ikunu; ***'gravissime', 'gravi',' lievi,'*** **u** ***'lievissime'*.**

Minn hawn irridu nimxu biex dan l-istat ta' fatt jigi ppruvat jekk hux fuq livell ta' **'ferita hafifa, gravi jew gravissima'.**

Fl-istess noti il-Profs. Mamo jirreferi ghal dak li kien jghid l-Artikolu 230 (a) tal-Ligijiet ta' Malta;

*(ii) "any permanent debility of the health or permanent functional debility of any organ of the body; or*

*(iii) any permanent defect in any part of the physical structure of the body; or…"*

F'pagna 228 Mamo ikompli jghid *'Where the person injured shall have recovered without even having been, during his illness, in actual danger of loss of life could have rise to such danger only when the danger* ***was probable in view of the nature consequence of the harm.***

*If instead of the more possibility of the danger above described, the bodily harm actually causes any permanent functional debility of the health or any permanent functional debility of any organ of the body,* ***or any permanent defect in any part of the physical structure of the body,*** *or permanent mental infirmity-* ***then the grievous bodily harm is considered as aggravated and punished much more severely. <u>Such debility, defect or mental infirmity shall be deemed to be permanent even when it is only probably so</u>***. *(Section 232)*

Huwa aktar interessanti x'jghid il-Profs. Mamo b'referenza ghal dan il-kaz, meta jghid*; '**Such debility, defect or mental infirmity shall be deemed to be permanent even when it is only probably so**.'*

**Ritratti tal-vittma hi prova importanti li turi l-gravita tal-offizi.**

Fis-sentenza Qorti tal-Appell Kriminali mil-S.T.O. Prim Imhallef Vincent Dr Gaetano LL.D. seduta tat-28 ta' Marzu, 2008 - Appell Kriminali Numru. 370/2007 fil-**Pulizija v. Desmond Falzon** jinghad li ***'L-ahjar***

***prova ta' x'effett kellha id-daqqa ta' ponn fuq wicc Montanaro kienet tkun ritratt, wiehed jew aktar, mehud ftit sieghat wara l-incident.'***

Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem tal-parti leza. Da parte tieghu, il-parti leza Alvin Monseigneur jispjega kif l-imputat tah daqqa f'ghajnejh u anke gie esebit ritratt immarkat bhala Dok AM 1 fil-process. Da parte tieghu, l-imputat, fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu dwar l-incident.

Illi, mill-atti processwali u minn dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputat ta daqqa lill-parti leza. Dak li trid tara l-Qorti huwa jekk b'dak li ghamel l-imputat fil-konfront tal-parti leza, il-parti leza sofriex xi griehi, u jekk dawn il-griehi kienux ta' natura hafifa jew gravi.

Illi fid-depozizzjoni tieghu Dr. Frans Agius (a fol. 60 et seq.) filwaqt li kkonferma ic-certifikat mediku (Dok. NS4 a fol. 31B) rilaxxat minnu, fejn huwa kiteb li l-parti leza sofra griehi f'ghajnejh li jiehdu bejn 12 u 16-il gimgha biex ikun hemm fejqan, l-ispecjalista tal-ghajnejn Franco Mercieca (a fol. 71 et seq.) xehed li l-kwerelant kellu concussion tar-retina fejn tfieq "f'jumejn, ftit jiem u suppost tghaddi normali". It-tabib Dr James Vassallo li ra originarjament lill-kwerelant ma ngabx jixhed ghaliex jinsab barra l-pajjiz ghal sena u l-prosekuzzjoni ma nsistietx ghalih.

Illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti hija konvinta li bid-daqqa moghtija mill-imputat fil-konfront tall-parti leza, il-parti leza sofra griehi f'ghajnejh.

Pero minkejja li fic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Francis Agius il-ferita giet tikklassifika mill-prosekuzzjoni li l-griehi sofferti mill-parti leza kienu ta' natura gravi minhabba z-zmien li kien mehtieg biex tfieq, il-Qorti m'hijiex pjenament konvinta dwar dan.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> *"Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiza fuq il- persuna hemm bzonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depozizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depozizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depozizzjoni ta' xhieda oħra, inkluzi l-parti offiza, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza".*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal- fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar,**

**fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal- fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Mariano sive' Mario Camilleri** deciza fit-8 ta' Frar, 2002 il-Qorti qalet *"Il-fatt li r-rizultat finali kien biss offiza ta' natura hafifa ma jfissirx necessarjament illi ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika illi wiehed jikkaguna offiza gravi, jekk kienx hemm jew le t-tali ntenzjoni hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l- fatti f'dan il-kaz il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom (forsi l-aktar importanti) tan-natura ta' l-isturment uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-isturment."*

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultaliex sodisfacentement pruvat li gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-parti leza pero jirrizultalha li gew kagunati biss griehi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju il piu' comprende il meno, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-parti leza.

<u>**It-tieni u tielet imputazzjoni**</u>

<u>**Biza' ta' uzu ta' vjolenza u fastidju**</u>

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar biza' ta' uzu ta' vjolenza u fastidju fil-konfront ta' Alvin Monsigneur; cioe r-reati prospettati fl-artikoli 251A u 251B rispettivament tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Raymon Parnis** deciza fit-18 ta' Gunju 2009 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami; dik il-Qorti qalet hekk:

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.*

*L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal- persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill- persuna. .....*

*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.*

*..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l- imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill- banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta'*

*dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. .........*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-**Pulizija vs. A. Caruana Carabez**" [21.6.2007]; "Il-**Pulizija vs. Fabio Psaila**" [12.2.2009] u ohrajn)*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini**" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan*

*ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-* ***Pulizija vs. Alan Caruana Carabez*** *" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il- Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi, tenut kont ta' dan l-insenjament, fid-dawl tal-provi processwali huwa car li meta l-imputat avvicina lill-kwerelant f'zewg okkazzjoni l-ewwel darba "*Qisu qeghdin nghidu l-ewwel gimgha ta' Awwissu. Kif ha ndur minn fejn il-knisja tal-Balluta, jien u niezel minn fejn il-knisja tal-Balluta s-sinjur ghadda bil-karozza tieghu, waqaf ghax kien se jdur hekk, gejna tieqa ma' tieqa, jiena njorajtu, nizzel it-tieqa u beda joffendini u beda jghidli li ma waqfitx hawnhekk, inpattihielek*"[4], t-tieni okkazzjoni fit-23 ta' Awwissu 2017 "*kif miexi lejn il-karozza tieghi nisma lis-sinjur jghidli: int pufta kollok. Jien ma tajtx kaz bqajt ghaddej,, fthat il-booth tal-karozza, nerga nisma' qalli: lilek qed nghid int pufta kollok u muqran*"[5] u meta avvicina lill-gurnalist Sandro Micallef "*avvicinani fid-disgha (9) ta' Settembru li kien is-Sibt fin-nofsinnhar ta' filghodu meta jiena u hiereg minn press conference ta' l-ASA fil-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq, jiena u hiereg gie fuqi qalli: Ghid lil siehbek illi ma waqfitx hawn u kif narah nifqalu ghajnejh*"[6] theddida serja li kien se jwegghu ghax kien qieghed jaghmel xoghlu ta' gurnalist u jinvestiga kien qed idejjqu u b'hekk l-imputat ikkaguna biza' f'Monseigneur li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu.

---

[4] A fol. 34
[5] A fol 35
[6] A fol 51

Dwar l-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, mill-provi mismugha huwa pacifiku illi l-komportament tal-imputat kif demostrat aktar 'l fuq ma kienx okkazzjoni singolari izda kien ripetut f'xi zmien qabel, liema komportament tal-imputat fil-konfront tal-kwerelant kien wiehed li ma jistghax ma jkunx msemmi b'disdenn u stmerrija.

Illi ghalhekk t-tieni u tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**
**<u>Il-malafama u l-ingurja</u>**

Tul dawn il-proceduri l-legislatur iddecieda li jnehhi l-artikolu 252 mill-Kodici Kriminali permezz tal-Att XI tal-2018. Dan sehh meta saret riforma fejn tidhol il-ligi tal-istampa wara diskussjoni li kien ilha ghaddejja s-snin biex jitnehha l-libell kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-Legislatur ingarr mal-kurrent u mas-sikrana spicca hasad il-qamh ukoll. Ma kien ghaqli xejn li l-Legislatur nehha dan l-artikolu mill-Kodici Kriminali. Din it-tip ta' ingurja ma kinetx marbuta mal-media, ghaliex kazijiet marbuta mal-istmapa kienu jkunu processati permezz tal-Att dwar l-Istmpa.

F'artikolu 256 (1) tal-istess Kodici Kriminali kien jipprovdi li *"fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa."*

Wiehed kien irid idur ghall-Att dwar l-Istampa Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta li thassar permezz tal-Att XI tal-2018.

F'artikolu 2 tal-Ligi tal-Istampa kienet tinghata d-definizzjoni ta' "stampat" u jfissirha bhala *"kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti".*

Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll fl-Appelli Kriminali trattaw x'jikkostitwixxi "stampat b'tipi tipografici".

Fl-Appell Kriminali Il-**Pulizija versus Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras** deciz fl-20 ta' Jannar 1997 mill-Imhallef Vincent DeGaetano jinghad li meta l-legislatur qed jitkellem dwar "stampat b'tipi tipografici" fl-Att dwar l-Istampa l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika, jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultati finali simili ghal dak tipokrafiku hu rreleveanti.
Fl-istess sentenza jinghad li ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni msemmi fl-Att tal-Istampa, stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Dr Joseph M Ciappara vs Joseph Zammit** deciz fis-7 ta' Mejju 1991 l-Imhallef Joseph Said Pullicino jsostni li d-definizzjoni ta' stampat fl-Att tal-Istampa hi mill-aktar wiesgha u hi

intiza biex tkopri kull forma ta' mezz kif jista' jigi imwassal messagg lill-haddiehor. Indubbjament il-mezz modern tal-computer hu avvanz kbir fuq it-tipografija u il-litigrafija, imma certament hu wkoll mezz tal-istess generu u jaqa' facilment that id-dicitura generika tal-ligi ta' "mezz jew processi ohra bhal dawn".

Il-Qorti issa tinsab f'sitwazzjoni fejn kazijiet ta' ingurja huma punti bhala kontravenzjoni fejn il-pieni baqghu l-istess jew wiehed imur ghal estrem fejn persuna tista' tinghata perjodu ta' detenzjoni jew inkella l-ammenda redikola ta' massimu ta' €58 ammenda. Wasal iz-zmien li biex tassew issir gustizzja din l-ammenda tgholla bhala massimu taghha biex tassew tkun ta' detterent.

Kwantu ghall-insulti, ossia ingurji, kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella** deciz fit-30 ta' April 2001:

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttametn jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('*with the object of destroying or damaging the reputation of any person*', fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontrravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."**

Il-fatti li rriżultaw f'dan il-każ kienu għalhekk jinkwadraw ruħhom f'dan ir-reat kontravvenzjonali (reat kompriż u involut fir-reat addebitat lill-imputat), u mhux fid-delitt kontemplat fl-artikolu 252 imsemmi. Issa, l-inċident in kwistjoni sehh

fit-23 ta' Settembru 2017. Iċ-ċitazzjoni relattiva ħarġet fil-5 ta' Ottubru 2017, b'mod li fir-rigward tal-imsemmi reat kontravvenzjonali ma kienux għaddew it-tliet xhur tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk fir-rigward ta' tali reat kontravvenzjonali hekk kompriż u involut se tinstab htija.

**<u>Il-hames imputazzjoni</u>**
**<u>Ricediva</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa, "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif*

*mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."*

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. U l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir- recidiva ma tirrizultax.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[7]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, *a priori*, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[7] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Rigwardanti l-piena, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha, apparti li tirrifletti s-serjeta' tar-reati, isservi mhux biss ta' deterrent ghall-imputat biex ma jergax jikkommetti reati simili, kif ukoll ta' deterrent ghal dawk kollha dilettanti tal-loghob tal-football sabiex ma jintraprendux f'dawn ir-reati jew reati simili, li jistghu jkunu ta' daqstant periklu mhux biss ghalihom innifishom, izda wkoll ghal terzi innocenti.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur bla dubbju ghandu jkun n-natura tar-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat u l-fedina penali, minnha jirrizulta li l-imputat diga kien instab hati ta' diversi reati ohra fil-passat, li juri t-temperament tieghu fejn jidhol l-isports, liema temperament mhux accettabbli f'kamp li suppost iferrah u mhux jifred. Aktar minn hekk jirrizulta mill-provi prodotti li l-kwerelant huwa gurnalist li f'socjeta' demokratika li nghixu fiha ghandu jinghata l-protezzjoni kollha biex iwettaq il-hidma tieghu b'serenita.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 17, 221(1), 251A, 251B u 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-

imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikundannah sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412C ta'l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Alvin Monseigner u għaż-żamma tal-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' protezzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin.

Din il-Qorti wara li rat Artikolu 28B tal-Kap 9 twissi lill-imputat illi, bħalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius**[8] mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perjodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall- ordnijiet lilu mghotija.

---

[8] Deciza mill-Prim Imhallef Vincent DeGeatano

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2.000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Alvin Monseignoeur.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**